

32001D0659

30.8.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 232/19

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-fis-6 ta' Awwissju 2001

li temenda id-Deċiżjoni 94/484/KE rigward l-importazzjoni ta' laħam frisk tat-tjur mill-Brażil

(notifikat bid-dokument numru Ċ(2001) 2469)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2001/659/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/494/KEE tas-26 ta' Ġunju 1991 dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw kummerċ fil-Komunità u importazzjonijiet ta' laħam frisk tat-tjur ⁽¹⁾ minn pajjiżi terzi, emendat l-aħħar bid-Direttiva 1999/89/KE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 11 u 12 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/984/KE ta' l-20 ta' Diċembru 1994 li tpoġġi kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċertifikati veterinarji għall-importazzjoni ta' laħam frisk tat-tjur minn ċerti pajjiżi terzi ⁽³⁾, emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni 2001/598/KE ⁽⁴⁾, tipprovdi għaċ-ċertifikati veterinarji li fihom żewġ attestazzjonijiet tas-saħħa differenti, mudell A u mudell B, l-użu tagħhom jiddependi fuq is-sitwazzjoni tal-marda tan-Newcastle fil-pajjiż konċernat.
- (2) Ċerti reġjuni tal-Brażil huma intitolati li jużaw mudell A taċ-ċertifikat għall-esportazzjoni tal-laħam tat-tjur lill-Komunità.
- (3) Tifqieġ tal-marda tan-Newcastle affettwaw xi qatgħat ta' tjur mhux kummerċjali fl-Istat ta' Goiás. Għalhekk dan ir-reġjun tal-Brażil li huwa awtorizzat li jesporta l-laħam frisk tat-tjur lill-Komunità m'għadux ħieles mill-marda tan-Newcastle.
- (4) Spezzjoni li twettqet mis-servizzi tal-Kummissjoni fil-Brażil f'Ottubru 2000 sabiex tiġi stmata s-sitwazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali u l-informazzjoni addizzjonali

riċevuta mill-awtoritajiet Brażiljani werew li l-miżuri tagħhom għall-kontroll tal-mard għat-tifqieġ tal-marda tan-Newcastle huma ekwivalenti għall-dawk preskritti fid-Direttiva 92/66/KEE ta' l-14 ta' Lulju 1992 li tintroduċi l-miżuri tal-Komunità għall-kontroll tal-marda tan-Newcastle ⁽⁵⁾, emendat l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja.

- (5) Huwa xieraq fuq din il-bażi li tkompli tkun permessa l-importazzjoni ta' laħam frisk tat-tjur minn dan ir-reġjun. Il-mudell A ta' l-attezzjoni tas-saħħa għandha b'hekk tiġi emendata.
- (6) Huwa xieraq li l-iskop ta' din id-Deċiżjoni jiġi ristrett għal speċje ta' tjur koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 71/118/KEE tal-15 ta' Frar 1971 dwar il-problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-kummerċ fil-laħam frisk tat-tjur ⁽⁶⁾, emendat l-aħħar bid-Direttiva 97/79/KE ⁽⁷⁾, u, jekk meħtieġ, sabiex jitpoġġew kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċertifikazzjoni veterinarja għal speċje oħra ta' tjur f'Deċiżjoni separata.
- (7) Il-miżuri li hemm provdut għalihom f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II parti 2 mudell A lid-Deċiżjoni 94/484/KE hija emendata skond l-Anness lil din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 35.

⁽²⁾ ĠU L 300, tat-23.11.1999, p. 17.

⁽³⁾ ĠU L 378, tal-21.12.1994, p. 11.

⁽⁴⁾ ĠU L 210, tat-3.8.2001, p. 37.

⁽⁵⁾ ĠU L 260, tal-5.9.1992, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 55, tat-8.3.1971, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 31.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd għall-laħam frisk tat-tjur ċertifikat mill-1 ta' Settembru 2001.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' Awissu 2001.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

MUDELL A

15. Attestazzjoni tas-saħħa

I. *Ċertifikazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali*

Jien, l-uffiċċjal veterinarju hawn taħt iffirmat, niċċertifika b'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/494/KEE:

1. li (1), reġjun (2),
huwa ħieles minn:

(a) influwenza ta' l-għasafar, kif definit fil-Kodiċi Internazzjonali tas-Saħħa ta' l-Annimali tal-OIE);

(b) marda tan-Newcastle, kif definit fil-Kodiċi Internazzjonali tas-Saħħa ta' l-Annimali tal-OIE (3);

2. li l-laħam deskritt hawn fuq inkiseb minn tjur li:

(a) inżammu fit-territorju ta'

..... (1), reġjun (2),

mindu faqqsu jew ġew impurtati bħala flieles ta' ġurnata;

(b) jiġi minn aġzendi li:

— ma tqiegħdux taħt restrizzjonijiet ta' l-annimali f'konnessjoni ma' kull marda li għaliha huma suxxettibbli t-tjur,

— Li madwarhom, f'radius ta' 10 km li jinkludi fejn xieraq it-territorju ta' pajjiż żar, ma kien hemm l-ebda tifqiegħ ta' influwenza ta' l-għasafar jew marda tan-Newcastle għal mill-inqas 30 jum;

(c) ma nqatlux fil-kuntest ta' ebda skema tas-saħħa ta' l-annimali għall-kontroll ta' jew qerda ta' mard tat-tjur;

(d) waqt it-trasport lill-biċċerija, ma ġewx f'kuntatt ma' tjur infettat bl-influwenza ta' l-għasafar jew marda tan-Newcastle;

3. li l-laħam deskritt hawn fuq

(a) jiġi minn biċċeriji li, fil-ħin tal-qatla, m'humiex taħt restrizzjonijiet minħabba tifqiegħa suspettata jew konfermata ta' influwenza ta' l-għasafar jew marda tan-Newcastle u li madwarhom, f'radius ta' 10 km, ma kien hemm l-ebda tifqiegħ ta' influwenza ta' l-għasafar jew marda tan-Newcastle għal mill-inqas 30 jum;

(b) ma ġiex f'kuntatt, f'ebda ħin tal-qatla, tqattiegħ, ħażna jew trasport ma' *ratites* jew laħam li ma jaderixxux mal-ħtiġijiet tad-Direttiva 91/494/KEE.

II. *Ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika*

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niċċertifika, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 71/118/KEE:

1. li l-laħam deskritt hawn fuq jaderixxi mal-ħtiġijiet tal-Kapitolu II u kull kundizzjoni addizzjonali tad-Direttiva 71/118/KEE, u instab li huwa tajjeb għall-konsum uman wara li twettqet spezzjoni qabel u wara l-qatla f'applikazzjoni ta' din id-Direttiva;

2. li l-laħam deskritt hawn fuq ġie/ma ġiex (4) soġġett għal proċess ta' tiksih billi jiġi mgharraġ;

3. laħam deskritt hawn fuq ġie mmarkat skond l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni 94/984/KE;

4. li l-laħam deskritt hawn fuq jaderixxi mal-ħtiġijiet tad-Deċiżjoni 95/411/KE (5).

(1) Isem il-pajjiż ta' oriġini.

(2) Għandu jimitela biss jekk l-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lill-Komunità hija ristretta lil ċerti reġjuni tal-pajjiż terz konċernat.

(3) Il-punt 1(b) ma jgħoddx għall-Brażil, ir-Repubblika Ċeka, l-Iżrael jew l-Isvizzera.

(4) Ħassar ir-referenza li m'hijjex meħtieġa.


(5) Ħassar jekk il-kunsinna m'hijjex maħsuba għall-esportazzjoni lill-Isvetzja jew il-Finlandja.

III. Attestazzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-annimali

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niċċertifika li:

1. Qrajt u fhimt id-Direttiva 93/119/KE;
2. Il-laħam huwa miksub minn annimali li ġew trattati fil-biċċerija qabel u waqt il-qatla f'konformità mad-dispożizzjonijiet relattivi tad-Direttiva 93/119/KE.

Magħmul f' f'



.....
(Firma tal-veterinarju uffiċjali) (6)

.....
(isem b'ittri kbar, kwalifiki u titlu) (6)

(6) It-timbru u l-firma għandhom ikunu ta' kulur differenti mill-istampat